# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 443/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Jeffrey Cilia**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jeffery Cilia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 468273M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Bejn il-lejl ta 29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, fl-inhawi tal-Furjana, hedded, gieghel Iill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi u Supretendent Dominic Micallef bhala ufficjali pubblici li

jaghmel jew ma jghamilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu; u dan bi ksur tal-artikolu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, fuq il-persuni ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tab-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli fid-29 ta' Marzu 2012 hedded bil-mewt lil Louise Calleja u dan bi ksur ta' l-artikolu 249(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Akkuzat talli bejn il-lejl tad-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, uza network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghall-ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-'network' jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew nkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini ta' Art.48 (d) Kap.399 Ligi ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, permezz ta' xi 'network' jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew jimmalafama lil dik il-persuna,

jew li jaghmel uzu iehor mhux xieraq bih u dan ai termini ta' Art.49 Kap.399 Ligi Ta' Malta;

6. Talli fl-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 gab ruhu b'mod ta' fastidju lil persuna ohra cioe' lil Louise Calleja u persuni ohra, b'mod li kien jaf jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan hu ta' fastidju ghal persuna u dan ai termini ta' Art.251A (a)(b), tal-Kodici Kriminali Kap.9 tal-Ligi ta' Malta;

7. Talli fI-istess jum, cioe' fid-29 ta' Marzu 2012 u 30 ta' Marzu 2012, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra Louise Calleja u familja taghha, jew kontra proprjeta tal-familja Calleja jew dixxent/i, meta huwa kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna biza' u dan ai termini ta Art.251 B, tal- Kodici Kriminali, Kap.9 Ligi Ta' Malta;

8. U aktar talli, bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' xi hadd, wegga' bi kliem,b'gesti jew b'xi mod iehor lil famllja Calleja u lil familja Rizzo u dan ai termini ta' Art.252 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 Ligi ta' Malta;

9. Talli gewwa ta' Sliema, fid-data tad-29 ta Marzu 2012, ghall-habta tal 10.30p.m. ikkommetta hsara volontarja fuq proprjeta privata (bieb) a detriment ta Gianni's Court Assosciation u persuni ohra, liema hsara teccedi s-somma ta €1 16.47c u dan ai termini tal- Art.325(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta Malta;

10. Talli gewwa ta' Sliema fid-data tad-29 ta Marzu 2012 ghall-habta tal- 10.30p.m. dahal gewwa l-proprjeta minghajr l-ebda permess ta' sid jew ta' detentur, ghamel

vjolazzjoni kontra iI-proprjeta u dan ai termini tal- Art340(d) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

11. Talli kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u/jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan ai termini tal- Art338(m) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

12. Talli kien fi stat ta sokor, qal kliem oxxen u/jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, u dan ai termini tal- Art338(bb) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal Ligi Ta' Malta;

13. Aktar talli ma obdiex ordnijiet legittimi tal-Awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u ma halliex u/jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex 1il haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew indhil ma kienx jaqa' taht dispozzizjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew Ligi ohra u dan ai termini tal Art 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

14. U aktar talli ghamel ingurji, hedded b'mod mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan al termini tal- Art.339(e) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligi Ta' Malta;

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu innifsu;

16. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

17. U talli saq jew prova jsuq il-vettura BBS9I7 ta' ghamla BMW taht l-influwenza tal-alcohol jew sustanzi ohra, fi triq jew post pubbliku iehor u dan ai termini tal-Art.l5A tal- Kap 65 tal- Ligi Ta' Malta;

18. Talli saq il-vettura BBS9I7 ta' ghamla BMW ta' lewn abjad b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

19. Finalment l-imputat Jeffrey Cilia hu akkuzat bi ksur tal-Bail Ii dina l-Onorabbli Qorti, hekk preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D, harget fil-konfront ta' Jeffrey Cilia, datata 23 ta' Dicembru 2011.

lI-Qorti kienet mitluba sabiex timponi garanzija fuq l-imputat sabiex josserva kull kundizzjoni li tigi imposta fuqu u dan ai termini tal- Art.579 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligi ta' Malta; li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l- Artikolu 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw; kif ukoll sabiex flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taht l-Art.412C u sakemm din l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta jsiru arrangamenti adatti ghal trattament, li tkun tehtieg il-persuna, Ordni ta' Trattament, bil-kunsens tal-hati jew minghajru, u dan ai termini tal- Art.412D(1) tal-Kodici Kriminali tal Kap 9 tal-Ligi ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghhom ai termini ta'

l-artikolu 382A,383, 384, 385 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2015 li sabet u ddikjarat lil Jeffrey Cilia:

a) mhux hati ta' l-imputazzjonijiet numru (1), (4), (5), (7) u (15) u konsegwentement minn tali imputazzjonijiet illiberatu skond il-ligi;

b) hati ta' l-imputazzjonijiet numru (2), (3), (6), (8), (10), (11), (12), (13), (14), (16),(17), (18) u (19); u wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imputazzjoni numru (9) stante li din kienet rinunzjata skond il-ligi, kkundannatu komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ta' xaharejn li bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, ordnat li din ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tlett snin, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u ghall-hlas ta' multa fis-somma komplessiva ta' elfejn euro(€2000). Skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta' l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat u fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9, ordnatlu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €419.61 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-espert Dr. Martin Bajada;

Finalment, bis-sahha u ai termini ta' 1-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fid-dawl ta' l-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' l-ispettur Louise Calleja u l-familjari taghha, u fil-konfront ta' l-ex Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, bintu u l-bqija tal-familjari tieghu, u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma ta' l-ordni

pubbliku, l-Qorti ghamlet Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-hati Jeffrey Cilia billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Jeffrey Cilia milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil Jeffrey Cilia milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuni msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta' tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jeffrey Cilia, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tvarja u tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabitu hati ta l-imputazzjonijiet numru (2), (3), (6) u (8) u mhux hati tal-imputazzjonijiet numri (1), (4), (5), (7) u (15) u **tirrevokaha** f'dik il-parti tal-piena fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet numru (10), (11), (12), (13), (14) u (16) u minflok teroga piena iktar miti u idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant adixxa lil din il-Qorti b'rikors tal-appell bil-gravami singoli li ma kellux jinstab hati ta' dawn ir-reati minnu indikati u li huma ta' natura kontravvenzjonali la darba preskritti bit-terminu ta' tlett xhur. Din l-eccezzjoni ma kienitx sollevata quddiem l-ewwel Qorti;

2. L-appellant jirreferi ghall-imputazzjonijiet numri 10 sa 14 u dik numru 16. Huwa palezi li dawn huma lkoll kontravvenzjonijiet li fit-termini tal-artikolu 688(f) huma kolpiti bl-ostakolu tal-preskrizzjoni bl-gheluq it-tlett xhur (naturalment sakemm ma jkunx hemm element tal-kontinwat li mhux il-kaz fil-kwistjoni odjerna). Dak li din il-Qorti issa jehtieg li tezamina hu jekk fil-fatt kienx hemm id-dekors ta' dan il-perjodu mill-kummissjoni tal-kontravvenzjonijiet sakemm tressaq biex iwiegeb ghalihom;

3. L-appellant tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Marzu, 2012 biex iwiegeb *inter alia* ghal dawn il-kontravvenzjonijiet li skond il-prosekuzzjoni sehhew bejn il-lejl tad-29 u t-30 a' Marzu 2012. Sa dak il-punt ma kienitx sollevabbli l-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Gara izda, kif gustament jirrileva l-appellant, illi fid-9 ta' Jannar 2013, wara li kienu instemghu diversi provi, l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni f'wahda mill-imputazzjonijiet, dik numru 19 dwar ksur tad-digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li originarjament kien indikat bhala li moghti fit-23 ta' Dicembru 2012 u sabiex dan isir jaqra 23 ta' Dicembru, 2011. L-ewwel Qorti laqghet it-talba u kif evidenti fil-verbal tas-seduta a fol 179, l-appellant ta ruhu b'notifikat seduta stante, tal-imputazzjoni kif korretta li nqrat mill-gdid bil-gurament u rega sar ukoll mill-gdid l-ezami tal-imputat;

4. L-appellant ghalhekk hu tal-fehma illi la darba kien notifikat mill-gdid fid-9 ta' Jannar 2013, il-kontravvenzjonijiet li allegatament sehhew bejn id-29 u t-30 ta' Marzu, 2012 kienu kolpiti bil-preskrizzjoni. Dan it-tibdil mhux wiehed necessitat minn xi *lapsus calami* u li ghalhekk biddel mis-sustanza tal-fatt imputat li kellu bil-fors jinnecessita notifika mill-gdid tal-imputat;

5. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant. Il-korrezzjoni mitluba mill-prosekuzzjoni u

akkordata mill-ewwel Qorti ma biddlet xejn mis-sustanza tal-fatti imputati u ghalhekk ma kienitx mehtiega notifika mill-gdid kif isostni l-appellant. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 687 introdott bl-Att III tal-2002 jiddisponi illi: *"Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lilll-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza*". Minn ezami tal-atti jemergi illi min-notifika tal-appellant sabiex jidher quddiem l-ewwel Qorti sa ma inghatat is-sentenza appellata ma kien hemm ebda cirkostanza li a tenur taghha rega beda jiddekorri z-zmien ta' preskrizzjoni;

6. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Psaila (36/06 DS) deciza fit-28 ta' Settembru, 2006, kienu traccati istanzi fejn sar tibdil fl-imputazzjoni li ma kien ta' ebda konsegwenza fis-sustanza tal-imputazzjoni, jigifieri, li dak it-tibdil ma gabx mieghu l-effett ta' imputazzjoni differenti u li bhala tali ma kienx jinnecessita notifika mill-gdid. Konsegwenza ta' dan, in-notifika originali tac-citazzjoni kienet ghadha tghodd u ghalhekk vindikat l-artikolu 787(2) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi minn dan ir-ragunament li applikat ghall-kwistjoni odjerna li jissarraf fil-fatt illi meta l-appellant tressaq b'arrest quddiem l-ewwel Qorti, ma kienitx ghadha ddekorriet il-preskrizzjoni fir-rigward tal-kontravenzjonijiet in dezamina. Ghalhekk l-appellant m' ghandux ragun;

7. Issa, t-talba tal-appellant xejn ma hi cara meta jitlob ir-**revoka** tas-sentenza *"f'dik il-parti tal-piena fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet numri 10, 11, 12, 13 , 14 u 16 u minflok teroga piena iktar miti u idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz".* Jekk l-appell tieghu jikkoncera l-piena dwar dawn il-

kontravenzjonijiet, allura m'ghadnux ragun ghaliex il-piena erogata hija wahda komplessiva u l-piena ta' xaharejn prigunerija sospizi tikkomprendi ukoll il-piena ghall-kontravenzjonijiet lamentati. Jekk minn naha l- ohra, l-appellant qed jitlob liberazzjoni minn dawn il-kontravenzjonijiet, allura ghar-ragunijiet gia esposti l-appell tieghu qed ikun michud;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell huwa michud bil-konsegwenza illi l-perjodu ta' prigunerija sospiza , dak tal-iskwalifika tal-licenzja u dawk dwar l-ordnijiet maghmula taht l-arikolu 412C u 382A tal-Kapitolu 9, jibdew jiddekorru mill-lum;

9. Il-Qorti regghet spjegat fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza dwar l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u l-ordniijiet hawn fuq imsemmija.